# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 22 ta' Ġunju 2023**

**Appell numru 52/2021**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ahmed Ali Bin AMIR**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Ottubru 2022 fil-konfront ta' Ahmed Ali Bin AMIR (detentur tal-karta tal-identita bin-numru 136151A) li ġie mixli talli:

F'dawn il-Gżejjer fl-4 ta' April 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

(i) Kellu fil-pussess tiegħu il-pjana kannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

(ii) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kfi sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

(iii) Ikkoltiva l-pjanta kannabis bi ksur tal-Artikolu 8(ċ) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) Kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(v) Ikkommetta dawn ir-reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll, talli f'dawn il-Gżejjer fl-4 ta' April 2021 u/jew fis-snin ta' qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta kannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), ir-regolamenti 4 u s-6 Taqsima, 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 4A(2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat appellant ħati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba' u s-sitt imputazzjonijiet (b'referenza għall-4 ta' April 2021) miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal sena priġunerija effettiva u għall-ħlas ta' multa ta' tmin mitt euro (€800) u għall-ħlas ta' penali ta' ħamsin euro (€50) filwaqt li ddikjarat t-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu bħala estinta, kif ukoll ma sabitx lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni u minnha illiberatu. Ukoll, ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu jħallas l-ammont ta' elf sitt mija tnejn u ħamsin euro (€1,652) rappreżentanti l-ħlas tal-espert nominat. Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat l-konfiska tal-flus ossija l-ammont ta' elfejn mitejn u erbgħin euro (€2,240) ppreżentati in atti. Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni ta' Dok RV4 u RV6 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokkumenta l-proċedura tad-distruzzjoni liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Bin AMIR appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) billi:

Fl-ewwel lok:

(i) Tikkonfermaha kwantu din sabet lill-appellant ħati tal-ewwel akkuża pero' mingħajr l-addebitu li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;
(ii) Tikkonfermaha kwantu din sabet ill-appellant ħati tat-tieni akkuża pero' mingħajr l-addebitu li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;
(iii) Tikkonfermaha kwantu ddikjarat il-proċediment estint in rigward tat-tielet imputazzjoni;
(iv) Tikkonfermaha kwantu sabitu ħati tar-raba' imputazzjoni u għaddiet sabiex ordnatlu iħallas il-penali (Ewro 50);
(v) Tikkonfermaha in kwantu lliberatu mill-ħames akkuża;

U fit-tieni lok tgħaddi sabiex:

(vi) Tirrevoka dik is-sentenza kwantu din sabet lill-appellant ħati tal-addebitu ta' pussess mhux għall-użu esklussiv tal-Pjanta Kannabis fl-ewwel imputazzjoni;
(vii) Tirrevokaha kwantu sabitu ħati tal-addebitu ta' pussess mhux għall-użu esklussiv tal-kokajina taħt it-tieni imputazzjoni; u
(viii) Tirrevokaha kwantu sabitu ħati tas-sitt imputazzjoni u dan billi tilliberah minnhom u minn kull ordni u piena relattiva, inkluż r-revoka tal-ordni tal-konfiska tal-flus ossia l-ammont ta' Ewro 2,240 ppreżentati in atti.

U dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

(i) Illi l-ewwel aggravju huwa wieħed sempliċi u jirrigwarda s-sejba tal-ħtija fuq is-sitt akkuża. L-Ewwel Qorti għamlet analiżi tal-fatti kollha mertu ta' dan il-każ u kkonkludiet li għal dak li jirrigwarda din is-sitt imputazzjonijiet hija tista' ssibu ħati biss ta' pussess tal-pjanta kannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 fid-data biss tal-4 ta' April 2021. Pero' din kienet diġa' preċiżament tal-akkuża taħt l-ewwel imputazzjoni li taqra li fl-4 ta' April 2021 u/jew fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta kannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101. Illi għalhekk bis-sejbien ta' ħtija fuq is-sitt akkuża, il-Qorti kienet qed issib lill-esponent ħati tal-istess ħaġa darbtejn u kollox jindika li l-ewwel Qorti ħadet iż-żewġ kundanni in konsiderazzjonijiet meta ġiet biex teroga l-piena;

(ii) It-tieni aggravju jirrigwarda s-sejba tal-ħtija fuq l-ewwel akkuża mhux in kwantu għal pussess qua pussess imma in kwantu tali pussess ġie meqjuż li ma kienx intiż għall-użu esklussiv tal-esponent. Illi l-ġurisprudenza ċċitata mill-Ewwel Qorti tixħet dawl fuq kif għandha tiġi nterpretata din id-dispożizzjoni tal-Liġi partikolarment in kontrast mal-Liġi Ingliża li hi artikolata kemmxejn differenti. L-ammont ta' Kannabis misjuba fid-dar kollha in kwistjoni kienet globalment tammonta għal 26.45g u ċjoe' inqas mill-massimu ndikat fl-Artikolu 4A(2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoe' l-Att Dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija). Issa l-Ewwel Qorti wara li analizzat il-fatti riżultanti kkonkludiet li d-diversi boroż bil-biċċiet tal-pjanta kannabis ma kinitx għall-użu esklussiv tal-esponent. Dik il-Qorti ċċitat numru ta' sentenzi li jgħidu li kull każ irid jiġi analizzat għalih. Din id-diċitura hija ndikattiva li l-Ewwel Qorti stenniet li jkun hemm xi prova li l-pussess kien għall-użu esklussiv tal-ħati mentri l-Liġi hawn fuq iċċitata u in parte sottolineata trid li l-Prosekuzzjoni ġġib prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-Kannabis ma kinitx għall-użu esklussiv tal-esponent. L-ewwel Qorti tagħmel referenza għaċ-ċirkostanzi li fil-fehma tagħha juru li l-Kannabis ma kinitx għall-użu esklussiv tal-esponent. Issemmi l-fatt li l-Kannabis kienet imqassma f'16 -il borża mferxxa mad-dar: dan hu fattur indikattiv ta' persuna diżorganizzata pero' żgur mhux fatt indikattiv li l-Kannabis kienet biex tingħata l-ħaddieħor. Issemmi li nstabu diversi boroż vojta: mingħajr l-assistenza ta' xi avukat l-imputat kien mill-ewwel qal lill-Pulizija li l-Kannabis jagħlaqha fil-ħġieġ jew plastikk biex ma tinxifx; issa huwa qed jikkoltiva l-pjanta u jagħmel sens li meta jkollha l-partijiet li jistgħu jinqatgħu jkollu l-boroż għal biex jippreżervahom fihom. Issemmi li nstab miżien li kellu traċċa tal-Kannabis: jekk wieħed jara l-istqarrija tal-imputat dan qal li ġieli jixtri Kannabis minn Reggae Bar -jagħmel sens li la darba joħodha d-dar huwa jiżinha biex wieħed jara li ngħata dak li nxtaraa. Finalment tinnota li nstabu xi flus: preċiżament Ewro 1,600 għalihom, Ewro 460 mal-passaport u Ewro 180 għalihom. L-Ewro 1600 japartjenu lill-ħabib tiegħu Libjan li kien ser jiżżewweġ u ħallihom miegħu bħala safe keeping. L-Ewwel Qorti mhux biss ma ssibhiex kredibbli li dawn il-flus kienu ta' terz għax ma telax jixhed dan it-terz talli għamlet kalkolu ta' malajr li l-esponent kien ilu sena ma jaħdimx u allura suppost ma kellu xejn flus għax skond hi ħafna mill-unemployment benefit li kien qed jirċievi l-esponent kien qed jintuża għall-kera. Jidher li l-ewwel Qorti skappalha l-fatt li qabel ma waqaf mix-xogħol, huwa kien għamel sentejn jaħdem u dak li l-esponent laħaq ġemma f'dawk is-sentejn beda jnaqqar minnhom ftit ftit u kien baqalu l-aħħar naqra. Illi fi kliem ieħor dawk iċ-ċirkostanzi li semmiet il-Qorti setgħu jitfgħu dubju jew suspetti fuq l-imputat pero ċertament ma jwasslux għall-konklużjoni raġonevoli li tali Kannabis ma kinitx għall-użu personali tiegħu. Ara kieku s-16 -il borża nstabu fuq il-persuna tal-esponent allura iva wieħed jgħid 'dawn x'kellu jambihom kollha f'daqqa fuqu?' jew kieku nstabu xi messaġġi fil-mobile tiegħu li jindikaw xi spaċċ, allura l-Qorti kienet tkun tista' 'raġonevolment

temmen' li tali qratas tal-Kannabis ma kienux kollha biex ipejjiphom l-esponent.

(iii) Illi t-tielet aggravju jirrigwarda s-sejba ta' ħtija fuq it-tieni akkuża bl-addebitu li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu: diġa' ntqal kif l-esponent xejn ma hu organizzat. Allura kif jista' jintalab jispjega l-kontenut ta' ħames boroż li mbagħad irriżultaw li kienu kokajina. Jiġi nnutata li l-Ewwel Qorti rreferiet għall-ispjegazzjoni ingarbuljata tal-esponent fl-istqarrija tiegħu. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-Pulizija aċċedew għad-dar tal-esponent għal xi 00.30am. Sabu lill-esponent kif jgħid il-Malti 'daħna' bil-Kannabis li kien qed ipejjep u wara t-tfittxija l-Bambin jaf kif kien l-istat mentali tal-esponent meta ttieħditlu l-istqarrija. Biex ikompli jikkomplikaw l-affarijiet, għalkemm jingħad li tqabbad traduttur, il-Libjani regolarment jilmentaw mit-tradutturi ma jaqblilhomx kliemhom preċiż u hawnhekk kien proprju l-każ. Spjega 'ingarbuljata' għaliex l-akkużat kien għajjien mejjet u taħt l-effett tal-Kannabis pero' meta jingħadf li huwa qal li huwa qatt ma wża kokajina mhux korrett xejn. Huwa qatt ma kien ivvizjat bil-kokajina imma minn żmien għal żmien abbuża minnha. Kieku l-esponent verament qal li huwa qatt ma wża kokajina ma jagħmilx sens li fl-istess nifs jgħid li ma jafx jekk dawk il-ħames boroż kienux dawk li kien xtara xi żmien qabel meta kien għadu jgħix f'San Ġiljan. B'kull dovut rispett, l-istqarrija tal-imputat trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-ħin li ttieħdet u l-istat mentali tal-interrogat u l-element tat-traduttur; ma jistax ikun li fuq erba' kelmiet meħuda f'dan il-kuntest tinbena l-ħtija fuq reat hekk serju bħal ma hu l-ispaċċ tad-droga kokajina. L-esponent kien akkwista dik il-kokajina żmien twil qabel biex jabbuża minnha hu stess imma spiċċa nesiha għal kollox; imbagħad sabhuhielhu l-Pulizija. Għalhekk huwa ammess li l-esponent kien jinstab fil-pussess ta' 1.59g ta' droga kokajina (inqas minn 2g) pero' fil-kuntest ipprospettat fl-Artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux fil-kuntest li juri li mhiex għall-użu esklussiv tiegħu u għalhekk dan l-aggravju huwa minn dan l-addebitu li ma kinitx għall-użu esklussiv;

(iv) Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-ordni għal biex tiġi kkonfiskata s-somma ta' Ewro 2,240 ppreżentata in atti: l-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali jipprospetta li l-konfiska tal-corpus delicti ġjaladarba jiġi ppruvat delitt partikolari u li dan ikun derivanti minnu. Mela biex tkun tista' tinħareġ ordni ta' konfiska tal-imsemmija flus, il-qorti kellu jirriżultalha li sar spaċċ u li dawk il-flus huma derivanti minn tali spaċċ; u dan mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti, wieħed jasal jifhem s-suspetti li għaddew minn moħħ l-Ewwel Qorti dwar kemm id-droga kienet għall-użu esklussiv imma ma hemm ebda dubju li ma nġiebet ebda prova ta' spaċċ kif allura ma jistax jiġi konkluż li s-somma ta' Ewro 2240 hija corpus delicti. Illi mingħajr ma ġie ppruvat l-ispaċċ ma jistax jingħad li hemm corpus delicti bħala flus derivanti minn spaċċ u għalhekk tali ordni għandha tiġi revokata.

## D. L-IRWOL TA’ DIN IL-QORTI U L-PRINĊIPJI LEGALI LI SSEGWI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta’ din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li bħala regola għandha tinġieb il-prova l-iktar sħiħa u sodisfaċenti li l-każ ikun jagħti kif ukoll li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, jekk ix-xiehda tiegħu tiġi emnuta minn min ikun irid jiġġudika l-każ, allura din ix-xiehda titqies li tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ikun ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. Dan il-prinċipju ġie konfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati iddeċidew fil-passat.[5]

11. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

12. Illi allura l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa bħala regola tmur lil hinn minn prova li tkun milquta mir-regola tal-esklużjoni tal-**hearsay evidence**. Fil-fatt din ir-regola tiġi applikata fil-kamp penali Malti b'manjiera partikolari. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

---

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

13. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in

the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

14. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet

professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

15. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

16. Huwa għalhekk li qabel xejn allura l-provi fi proċedimenti kriminali trid tkun l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa. Biss dan ma jfissirx li f'ċerti każijiet dawn il-provi ma jistgħux iwasslu għal xi konflitt fil-provi prodotti. Kif gie ritenut fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[6]

mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

17. L-għan li titressaq l-aħjar prova u dik l-aktar sħiha huwa li kemm jista' jkun fil-proċess kriminali toħroġ il-verita storika. Iżda

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

din hija l-ikbar sfida li jkollhom dawn il-Qrati minħabba li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal li tiġi skoperta dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb tiegħu. Minħabba f'hekk jeżisti r-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx id-don li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. U l-Qrati huma marbuta li fid-deċiżjonijiet tagħhom jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom.

18. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija mnisla mis-sistema Ingliż fejn persuna akkużata tista' tiġi misjuba ħatja biss meta fil-każ tagħha tkun inġiebet l-aħjar prova u dik l-aktar sħiħa u li bis-saħħa tagħha l-ħtija ta' dik il-persuna tkun ġiet pruvata **<u>lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni</u>**. Biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi Maltija teħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ssib akkużat ħati din trid tkun ċerta - lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni - "sure" fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ ikun seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment meħetieġ mill-Liġi biex tinstab ħtija; livell ta' konvinċiment li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Għalhekk biex tkun tista' tinstab ħtija fl-akkużat il-grad ta' suffiċjenza probatorja trid twassal lil min irid jiġġudika l-fatti li jħossu ċert, "sure", mill-ħtija tal-akkużat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

19. Fil-każ Ingliż **Majid**,[8] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the

[7] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Il-livell ta' konvinċiment fil-livell ta' "sure" mhux ġdid għas-sistema Penali Malti fejn saħansitra l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tal-konvinċiment sal-grad **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat ta' ħtija tal-imputat biex b'hekk ġja mill-1957 dik il-Qorti kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mal-grad ta' konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll anke illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. Livell ta' konvinċiment inqas minn dak tas-sikurezza huwa l-livell tal-bilanċ tal-probabbilitajiet. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment li huwa meħtieġ li jintlaħaq mid-Difiża fil-każ li din tagħżel li tressaq prova jew argument favur l-akkużat. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, b'mod li minħabba f'hekk Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma jkollhiex dik is-sikurezza fil-ħtija tal-akkużat, allura f'dak il-każ, dik il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat u għandha tgħaddi sentenza li l-akkużat ma jkunx ħati. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

24. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara

jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

27. Illi fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' April tas-sena 2021, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu sar rapport anonimu mal-Pulizija tal-Għassa tal-Qawra li kien hemm storbju ġej minn appartament fi Triq Giuseppe Despot kantuniera ma' Triq It-Tamar f'San Pawl Il-Baħar. Il-Pulizija rrikorrew fuq il-post u setgħu josservaw kif l-istorbju kien ġej minn appartament numru 3, Filcar Flats u għalhekk telgħu jħabtu l-bieb fejn fetħilhom l-appellant Bin AMIR. Il-Pulizija mill-ewwel xammew riħa qawwija ta' droga kannabis u għamlu tfittxija fir-residenza. Fl-imsemmija residenza sabu lil Bin AMIR flimkien ma' xi nies oħra li filwaqt illi daħlu l-Pulizija kienu qiegħdin ipejpu d-droga kannabis. Il-Pulizija setgħu wkoll jinnotaw li fl-appartament, qrib it-televiżjoni kien hemm kultivazzjoni tal-pjanta kannabis konsistenti f'tlett ixtieli. Minn iktar tfittixijiet li saru fl-appartament, il-Pulizija sabu sittax -il borża b'sustanza ħadra suspettata droga kannabis, ħames pakketti tal-plastik kontenenti trab ta' lewn abjad, miżien elettroniku, kapsula ta' lewn iswed kontenenti reżina ta' lewn kannella, diversi boroż tal-plastik vojta, crushers, passaport Libjan u flus kontanti fl-ammont totali ta' Ewro 2,240.

28. Minn hemmhekk l-appellant ġie mogħti d-drittijiet tiegħu u ttieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn wara li ngħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu – dritt li huwa aċċetta u ħadmu – ta stqarrija bil-miktub lill-Pulizija. Sussegwentement nhar il-5 ta' April 2021 tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'rabta ma' dan il-każ u nhar l-4 ta' Ottubru 2022 instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ingħad.

**Kunsiderazzjonijiet tad-dritt b'rabta mal-istqarrija li l-appellant irrilaxxja mal-Pulizija nhar l-4 ta' April 2021.**

29. L-appellant irrilaxxja l-istqarrija bil-miktub mal-Pulizija nhar l-4 ta' April 2021. Dan ikun ifisser illi fiż-żmien meta huwa rrilaxxjaha u għamel ċerti dikjarazzjonijiet mal-Pulizija, il-Liġi Maltija kienet radikat id-dritt li s-suspettat jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma jibda l-interrogatorju - dritt li ġie introdott bl-Att III tas-sena 2002 u daħal fis-seħħ nhar l-10 ta' Frar 2010 - iżda **wkoll** id-dritt tal-assistenza legali fil-waqt li tkun qiegħda tittieħed xi stqarrija - u dan fis-sensi tal-Artikolu 355AUA tal-Kodiċi Kriminali. Din id-dispożizzjoni tal-Liġi – flimkien ma' oħrajn li ġew introdotti fil-Kodiċi Kriminali Malti taħt is-Sub-titolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima I - ġiet imfassla fuq id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għall-avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew u taqra bis-segwenti mod:

> (1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.
> (2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:
> (a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;
> (b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);
> (ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;
> (d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.

30. Dan huwa kwadru legali differenti minn dak prestat f'deċiżjonijiet bħal **Borg vs. Malta**[10] daqskemm **f'Beuze vs. Belgium**[11] u **Farrugia vs. Malta**[12] fejn il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem stħarġet allegati ksur tad-drittijiet fundamentali tal-akkużat minħabba f'li fil-Liġi tal-Istat Membru, is-suspettat ma kienx ikollu dritt għall-preżenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu fil-mument tal-interrogatorju u fejn imbagħad id-dikjarazzjonijiet hemmhekk

[10] Deċiża fit-12 ta' Jannar 2016 u reża finali fit-12 ta' April 2016 (applikazzjoni numru:37537/13).
[11] Deċiżjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018 (applikazzjoni numru: 71409/10).
[12] Deċiżjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019 u reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019 (applikazzjoni numru: 63041/13).

maghmula kienu jintużaw mill-Prosekuzzjoni bħala prova kontra tiegħu fil-proċess penali li jkun isegwi.

31. L-obbligu li s-suspettat jiġi nfurmat bid-drittijiet tiegħu jinkombi fuq l-awtoritajiet taż-żamma tal-ordni jew dawk ġudizzjarji u dan bl-iskop li jiġi żgurat li s-suspettat ikun fehem x'inhi l-pożizzjoni legali tiegħu u jieħu deċiżjoni nfurmata ta' jekk jeżerċitax dawn id-drittijiet offruti lilu jew jekk jirrifjutax illi jagħmel dan. F'dan ir-rigward issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Romario Barbara vs. Avukat Ġenerali u b'digriet tal-5 ta' Awissu 2021 isem l-Avukat Ġenerali ġie sostitwit għall-Avukat tal-Istat**[13] fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) irriteniet is-segwenti:

> L-Awtur Steven Cras jinnota s-segwenti :
> ''If suspects or accused persons are deprived of liberty e.g. when they have been arrested and brought to the police station, **the level of obligations resting on the Member States** must make the necessary arrangements to ensure that suspects or accused persons are in a position to effectively exercise their right of access to a lawyer including by arranging for the assistance of a lawyer when the person concerned does not have one, unless they have waived that right'' (Enfażi ta' din il-Qorti. Ara The Directive on the right of access to a lawyer in criminal proceedings and in European arrest warrant proceedings. Eucrim pg 36 Issue 1/2014).
>
> Dan ifisser li meta l-akkużat ikun fil-kustodja tal-Pulizija, bħal meta taħt arrest jew interrogat, l-obbligu tal-istat huwa ogħla minn meta jkunu bdew il-proċeduri formali. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Istat għandu bl-ogħla diliġenza jassigura li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ikunu mħarsa...

32. Għalhekk, fejn si tratta ta' rinunzja għad-drittijiet għall-assistenza legali hekk kif sanċiti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 355AUA(1) tal-Kodiċi Kriminali, is-subinċiż (6) tal-imsemmija dispożizzjoni jagħmilha ċara li din ir-rinunzja għandha tiġi mniżżla bil-miktub, fil-preżenza ta' żewġ xhieda oħra u għandha tkun iffirmata minn kull xhud daqskemm ukoll mis-suspettat li jkun iddikjara r-rifjut tiegħu mal-awtoritajiet. Is-suspettat għandu wkoll ikun infurmat li f'kull ħin, huwa jkun jista' jirtira dak ir-rifjut tiegħu. F'dan ir-rigward, fl-Artikolu 9 id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, igħid hekk:

[13] Deċiża nhar is-16 ta' Ġunju 2022

Mingħajr preġudizzju għal-ligi nazzjonali li teħtieg il-preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:
(a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwagg semplici u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt koncernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih; u
(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.
2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tigi irregistrata, kif ukoll ic-cirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir-rinunzja, bl-uzu tal-procedura ta' registrar f'konformita mal-ligi tal-Istat Membru koncernat.
3. L-Istati Membri għandhom jizguraw li l-persuni suspettati jew akkuzati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-procedimenti kriminali u li huma jigu infurmati b'dik il-possibbilta. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir.

33. Dan l-Artikolu tal-imsemmija direttiva huwa rifless fl-Artikolu 355AUG tal-Kodiċi Kriminali, li jitratta r-rifjut ta' dawk id-drittijiet saniċiti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 355AUA u 355AUH:

(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:
(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;
(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.
(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.
(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.

34. Ġjaladarba jkunu ġew **strettament** segwiti dawn il-formalitajiet kif rikjesti mil-Liġi, il-Pulizija Eżekuttiva tkun imbagħad tista' tgħaddi għat-teħid tal-istqarrija lis-suspettat tar-reat investigat. Id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd għall-assistenza legali **magħmula skont il-Liġi** għandha titqies bħala valida u ma tistax sussegwentement tiġi attakkata bħala li mhix waħda li tassew tirrappreżenta l-intenzjoni tas-suspettat u dan fin-nuqqas ta' prova sal-livell tal-probabli li tali dikjarazzjoni kienet ivvizjata minħabba f'li s-suspettat ma fehemx dak li kien qiegħed jirrinunzja għalih. Dan jista' jagħti l-każ li jseħħ meta l-persuna interrogata ma tkunx fi stat

mentali u fiżiku tajjeb jew per eżempju ma tkunx qiegħda tifhem il-qagħda li tkun fiha. Biss, il-firma tas-suspettat bħala li jkun qiegħed jirrifjuta l-assistenza legali lilu offerta tirrappreżenta prova ċara li huwa jkun qiegħed jagħti l-kunsens lill-Pulizija sabiex jipproċedu għall-interrogazzjoni tiegħu. Imbagħad f'każ ta' kontestazzjoni, jkun jinkombi fuq is-suspettat li sussegwentement jipprova b'mod konkret u bil-provi – aktar milli b'ipoteżijiet jew konġetturi - li tassew dak il-kunsens tiegħu, u allura wkoll l-istqarrija li ssegwi, kien ivvizjat.

35. Fil-każ in diżamina, jirriżulta minn foljo 15g tal-atti proċesswali, Dok RV1, li l-appellant Bin AMIR ġie nfurmat bid-drittijiet tiegħu kif viġenti fiż-żmien it-teħid tagħha minn PC 1054, PC 854 u PS 1553 u huwa rrifjuta illi jagħmel dan u ssiġilla din id-dikjarazzjoni ta' rifjut bil-firma tiegħu quddiem dawn ix-xhieda. Minn imkien ma jirriżulta illi l-appellant ma fehemx dak li kien qiegħed jiffirma għalih. Jirriżulta wkoll li qabel ma beda l-interrogatorju, ġie mqabbad Nażmi Houtu bħala l-interpretu mill-Malti għall-Għarbi filwaqt li l-Ispettur Justine Grech tagħtu wkoll twissija li ġiet tradotta mill-Interpretu dwar id-dritt tiegħu li jibqa' sieket in kwantu dak kollu li jgħid waqt l-istqarrija seta' jintuża' kontra tiegħu.[14] Għad-domanda jekk l-appellant kienx qiegħed jifhem lill-interpretu, l-interpretu wieġeb fl-affermattiv. L-appellant jikkonferma wkoll li fehem l-ittra bid-drittijiet li ngħatat lilu u li ffirma għaliha.[15]

36. Issa, jirriżulta wkoll pero' li minkejja li fl-atti proċesswali, kif ingħad, ġiet esebita dikjarazzjoni ta' rifjut tal-appellant għal kull forma ta' assistenza legali hekk kif iggarantiti lilu ai termini tal-Artikolu 355AUA tal-Kodiċi Kriminali, l-Ispettur Justine Grech issemmi għal darba darbtejn fl-istqarrija kif traskritta f'paġna 109 et sequitur, li l-appellant użufruwixxa mid-dritt li jkellem avukat tal-għinuna legali **qabel** it-teħid tal-istqarrija. Dan il-fatt sintendi jikkuntrasta ma' dak kontenut fid-dikjarazzjoni ta' rifjut li l-appellant jirriżulta li ffirma għaliha kif jidher minn fol 15g. Iżda dan huwa probabbilment dovut għall-fatt li l-ewwel dikjarazzjoni ġiet rilaxxjata fl-4 t'April 2021 fin-nofsiegha ta' filgħodu (0030) mentri l-istqarrija tal-appellant ittieħdet filgħodu f'nofsinhar u tliet minuti (1203). Huwa ċar għalhekk li l-Pulizija infurmat lill-appellant bil-jedd għall-assistenza legali kemm qabel kif ukoll waqt interrogatorju. Kien ikun xenarju differenti li kieku bħalma ġie rrilevat fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Claire Farrugia,**[16] ikun jirriżulta li d-dikjarazzjoni tar-rifjut ta' jedd

[14] Foljo 110 tal-proċess.
[15] Fol. 100 u fol. 111 tal-proċess.
[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' November 2018.

għall-assistenza legali kienet tadopera diċitura **ġenerali li ma tkunx tippermetti lill-Qorti tiddeduċi x'kienu effettivament dawk id-drittijiet li ġew offerti lis-suspettat qabel ma tteħditlu l-istqarrija**:

> 'Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija 'int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit', ma jirrizultax jekk il-kliem 'tigi assistit' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz-zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tigi assistit' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. **Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d-dritt.**[17]

37. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet u bl-applikazzjoni għal dak li ntqal fil-kawża FARRUGIA, jiġi rilevat li hawnhekk il-Qorti għandha kwadru legali fejn l-appellant jirriżulta li ġie offrut lilu d-dritt għall-assistenza legali skont l-Artikolu 355AUA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn huwa għall-ewwel fin-0030 irrifjutah u ffirma dikjarazzjoni ta' rifjut fil-preżenza ta' tliet xhieda, iżda imbagħad f'1203 tal-istess jum huwa reġgħa ġie offrut l-istess jedd u skont ma jirriżulta minn paġna 111 matul il-kors tal-interrogazzjoni tiegħu jirriżulta li huwa mhux biss ingħata l-ittra tad-drittijiet tiegħu u fehmha iżda huwa anke kkonferma li kien kellem lill-avukat għall-għinuna legali qabel ma huwa ġie biex jirrilaxxa dik l-istqarrija. Ingħad hekk:

> Spettur Justine Grech : Mela, emm, ovvjament jikkonferma li issa l-ittra bid-drittijiet fehmna u tant fehema li fil-fatt kellek l-avukat u kellem l-avukat tal-legal aid.

38. Apparti minn hekk konferma oħra kemm fil-fatt qabel l-interrogazzjoni huwa fil-fatt kien kellem l-avukat tirriżulta wkoll mill-istqarrija tiegħu stess f'paġna 132 fejn huwa jgħid li

> waqt li cempel l-avukat biex jaghti l-parir tieghu, qalli fil-mistoqsija jekk inti mhux komdu, ma tirrispondix waqt l-interrogazzjonijiet u ghandek kull dritt.

39. Irid jingħad ukoll li iżjed riċenti, fil-31 ta' Mejju 2023, il-Qorti Kostituzzjonali fl-appell **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija** inqal hekk:

---
[17] Enfasi miżjuda.

10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.

11. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni. Inoltre, waqt il-proċeduri kriminali l-attur kellu d-dritt li jikkontesta l-ammissibilità tal-istqarrija, oltre li seta' jikkontesta l-kontenut tagħha permezz ta' kull prova li kien iħoss li kienet relevanti, u fil-fatt jirriżulta li l-proċeduri kriminali ilhom fi stadju ta' provi tad-difiża għal żmien sostanzjali. Apparti minn hekk, l-appellant kellu kull dritt li jixhed u jagħti verżjoni differenti quddiem il-Qorti, dritt li jirriżulta li għamel użu estensiv minnu, tant illi d-depożizzjoni tiegħu ġiet maqsuma fuq żewġ seduti.

12. Dwar il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tosserva li minkejja li l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti li ma kienx jiftakar jekk qattx kien għadda minn xi proċeduri kriminali oħrajn barra dawk mertu ta' dawn il-proċeduri, mis-sistema elettronika tal-Qorti jirriżulta li l-appellant kien involut f'diversi proċeduri kriminali, inkluż proċeduri li bdew kontra tiegħu fl-1996 u li fihom kien instab ħati u ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin flimkien ma' interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja għal żmien ta' ħames snin. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejh mal-ġustizzja. Inoltre, għalkemm l-appellant isemmi li huwa kien jieħu ċertu medikazzjoni biex jikkontrolla z-zokkor, u li mingħajr din il-medikazzjoni u ikel kien iħossu dgħajjef, il-Qorti tosserva li mill-atti li ġew preżentati ma jirriżultax li l-appellant kien informa lill-Pulizija li huwa kellu bżonn jieħu xi medikazzjoni u fil-fatt fil-formola li timtela mill-uffiċjal ta' detenzjoni ġie mmarkat li l-appellant ma kien taħt l-ebda kura. F'dan ir-rigward relevanti wkoll li mix-xhieda jirriżulta illi li kieku l-appellant ma kellux il-medikazzjoni meħtieġa miegħu u lanqas il-preskrizzjoni għaliha, il-prassi kienet illi jittieħed il-poliklinika sabiex tkun tista' tinħareġ preskrizzjoni minn tabib biex b'hekk is-suspettat ikun jista' jingħata l-medikazzjoni li jkun jeħtieġ. Għalhekk jidher li jekk l-appellant baqa' nieqes minn xi medikazzjoni dan kien biss għaliex naqas milli jinforma lill-pulizija meta ġie mistoqsi. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, flimkien mal-fatt li fiż-żmien relevanti l-attur kellu aktar minn ħamsin sena u li kien effettivament ikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, il-Qorti tqis li ma jirriżulta l-ebda element ta' vulnerabbilità.

13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pozizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, **Martin Dimech v.**

**Malta** tat-2 ta' April 2015 u **Tyrone Fenech et v.** Malta tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-tehid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.

14. F'dawk is-sentenzi l-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea:
*"applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, **Kesik v. Turkey**, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and **Simons v. Belgium** (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see **Bouglame v. Belgium** (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 I and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies*"

15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.

16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment *de quo agitur* jiġu diskussi f'dan l-istadju *in vacuo*. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.

17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha

kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.

18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.

19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v**.** Il**-Belġju** deċiża mill-*Grand Chamber* fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza **Carmel Joseph Farrugia v.** Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.

20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.

21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ **Carmel Camilleri v.** Malta deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:

«*The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78)* »

22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza **Roderick Castillo v. Avukat Generali** et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:

*“Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ* xieraq b'dak li *ġara fl-istadju tal-appell*”

23. Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.

40. Fl-istess jum, fil-31 ta’ Mejju 2023 ingħatat ukoll is-sentenza **Jean Marc Dalli vs. Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat** mill-istess Qorti Kostituzzjonali fejn ġie ribadit:

**Konsiderazzjonijiet**

10. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta’ avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.[1]

11. F’sentenza riċenti[2] tal-QEDB, Lalik v. Poland (Application no. 47834/19) ġie mtenni:

*“64. The Court reiterates that it is necessary to view the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves (Ibrahim and Others, cited above, §§ 250-51). In consequence, despite the fact that the applicant did not explicitly cite Article 6 § 1, the Court will examine whether the proceedings as a whole were fair, considering that the need for such an examination derives from the well-established case law on that matter (see Beuze, cited above, §§ 147-48). The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the fact that the applicant was not properly informed of his rights (see, mutatis mutandis, Ibrahim and Others, cited above, § 265).*
*65. The Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective and not theoretical and illusory. In this context, the Court recalls that Article 6 § 3 (c) of the Convention must be interpreted as safeguarding the right of persons charged with an offence to be informed immediately of their defence rights, irrespective of their age or specific situation and regardless of whether they are represented by an officially assigned lawyer or a lawyer of their own choosing (see Beuze, cited above, § 129).*
*66. In its analysis of the overall fairness of the proceedings, the Court will examine, to the extent that they are relevant in the present case, the various factors deriving from its case-law as set out in the Beuze judgment (cited above, § 150).”*

---------------------------------------------------------------------------
1 Beuze v. il-Belġju (71409/2010) tad-9 ta’ Novembru 2018 u Stephens v. Malta (35989/14) tal-14 ta’ Ottubru 2020
2 11 ta’ Mejju 2023

12. Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-*overall fairness* skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-*Grand Chamber* fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu.

13. Il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien meta r-rikorrent odjern ta l-istqarrija tiegħu, ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Kienet madanakollu tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat.

14. Hu fatt li meta r-rikorrent ta l-istqarrija lill-pulizija kien għadu ser jagħlaq dsatax-il sena u ma jirriżultax li kellu xi esperjenzi preċedenti simili mal-pulizija jew il-qrati.

15. Min-naħa l-oħra jirriżulta li qabel ta l-istqarrija r-rikorrent tkellem ma' avukat ta' fiduċja tiegħu, kif kellu jedd li jagħmel.

16. Ir-rikorrent ingħata wkoll twissija ċara li kellu dritt li ma jweġibx għad-domandi, u dak li jgħid kien ser jitniżżel bil-miktub u jista' jinġieb bi prova. Saħansitra kien ikkonferma l-istess stqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti wara li qal li *".... jiena tkellimt ma' avukat u kien għalhekk li rrilaxxajt din l-istqarrija"*.

17. Minn meta tressaq il-qorti dejjem kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu u tul il-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) altru milli kellu kull opportunità li jikkontesta l-awtentiċità ta' dak li hemm miktub li qal lill-pulizija u lill-Maġistrat Inkwirenti.

18. Kontra r-rikorrent tressqu provi oħra. Tant hu hekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali straħet fuq provi oħra tal-prosekuzzjoni (PS 1220 u r-rapport tal-espert Godwin Sammut)
sabiex sabet ħtija. Fil-fatt dik il-Qorti ddeskriviet id-deposizzjoni ta' PS 1220 Chris Baldacchino bħala l-prova prinċipali. Fis-sentenza l-Qorti għamlitha ċara li l-istqarrija tal-imputat ma kinitx *".... dik il-prova eskussiva jew determinanti li fuqha qiegħda tistrieħ il-ħtija tal-imputat"*. Saħansitra dik il-Qorti kkunsidrat ukoll il-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-qrati Maltin f'każijiet dwar stqarrijiet li jittieħdu fi stadju qabel is-suspettat jitressaq il-qorti u mis-sentenza hu evidenti li ma qisitx l-istqarrija u xhieda quddiem il-Maġistrat Inkwirenti bħala l-provi

determinati sabiex sabitu ħati ta' traffikar u pussess ta' *ecstasy* bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013.

19. Kien biss fit-trattazzjoni li r-rikorrent argumenta li l-istqarrija u x-xhieda li ta quddiem il-Maġistrat, ma tistax tintuża għaliex ma kienx preżenti avukat ta' fiduċja tiegħu. Dan kien tmien snin wara li tressaq il-qorti.

20. Waqt is-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ir-rikorrent lanqas ma rtira l-istqarrija jew biddel dak li qal lill-pulizija. Saħansitra kkonfermaha bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti, persuna indipendenti mill-pulizija, u tenna li kien għamel l-istqarrija b'mod volontarju wara li ngħata twissija u tkellem ma' avukat.

21. Saħansitra, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017 l-avukat li ddefendih iddikjara li l-imputat, *".... qed jeżenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' bħala xhud tal-volontarjeta tal-istqarrija tal-imputat u tal-identita tiegħu lil PS 168 Stephen Monreal"*.

22. Saħansitra r-rikorrent ħa benefiċċju mill-fatt li kien ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni, għaliex dan ġie rifless fil-piena (ara dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bit-titlu *"konsiderazzjonijiet dwar il-piena"*).[3]

23. Inoltre, ir-rikorrent għad għandu appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn ġudikant ieħor ser jistħarreġ l-ilmenti kollha tiegħu u jagħmel l-apprezzament tal-provi mill-ġdid biex finalment jiddetermina jekk humiex ġustifikati.

24. Sal-lum l-unika ċertezza hi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021, li għadha *sub judice*, sabet lir-rikorrent ħati ndipendentement mill-istqarrija tiegħu. Għal din il-Qorti hu ċar kristall li s'issa m'hemm xejn x'jindika li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq jew x'aktarx li mhux ser ikollu smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u għalhekk ma sofra l-ebda preġudizzju. Anzi l-ilment tiegħu serva biss sabiex ikomplu jitwalu l-proċeduri kriminali bla bżonn.

-----------------------------------------------------------

3 Skont Art. 29 tal-Kap. 101.

41. Ma hemmx provi, sal-grad tal-probabbli li juru li b'xi mod f'dan il-każ kien hemm difetti li setgħu jivvizzjaw tali kunsens magħmul mill-appellant sabiex il-Pulizija tgħaddi għat-teħid tal-istqarrija. Fl-ebda ħin allura ma jirriżulta li l-appellant ilmenta mal-Pulizija li huwa

ma kienx f'siktu meta għamel dawk id-dikjarazzjonijiet jew li kien jeħtieġ xi għinuna medika jew li kellu xi bżonn fiżiku ieħor.

42. Iżda fir-rikors tal-appell tiegħu jittenta jattakka l-istqarrija u d-dikjarazzjonijiet fiha magħmula għaliex jgħid li dawn ittieħdu f'mument fejn huwa kien għadu "daħna" taħt l-effett tad-droga kannabis li kien inqabad ipejjep fl-appartament tiegħu ftit qabel li ġie arrestat fuq il-post. Biss, jidher li l-appellant dejjem wieġeb li kien qiegħed jifhem x'kienu d-drittijiet tiegħu u ddikjara wkoll li lill-interpretu huwa kien qiegħed jifhmu.

43. Iżda l-appellant wera li ma kienx ċar fi kliemu jew li kien inkonsistenti f'ċerti spjegazzjonijiet illi taha fir-rigward ta' dawk id-domandi skomdi li għamlulu l-uffiċjali investigattivi u mhux għaliex ma kienx qiegħed jifhem dak li kien qiegħed jiġi mistoqsi jew li ma kienx f'sikktu huwa u jwieġeb. Bl-istess mod, filwaqt li l-appellant deher igerfex f'ċerti spjegazzjonijiet li ta, mill-banda l-oħra jidher li kien luċidu sabiex jiċħad l-involviment tiegħu fl-ispaċċ tad-droga kokajina. Jidher ukoll li ftakar li dik li sabhulu l-Pulizija fil-ġakketta tiegħu f'gwardarobba li kienet tinsab fil-kamra tas-sodda tiegħu kienet ilha hemmhekk xi tmien xhur u li kien akwistaha minn ġewwa diskoteka f'San Ġiljan; deher luċidu wkoll sabiex jagħti spjegazzjoni ta' minn fejn kienu ġejjin dawk il-flejjes li sabu fl-appartament tiegħu u meta spjega kemm iħallas kera u kemm jirċievi benefiċċji soċjali bħala 'unemployment benefit'. B'hekk din il-Qorti ma ssibx traċċa li tindika li dik id-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd għall-assistenza legali daqskemm tal-istqarrija magħmula wara u d-dikjarazzjonijiet fiha kontenenti, kienu vvizjati u għalhekk inammissibbli.

44. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis allura li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tqis l-istqarrija tal-appellant bħala ammissibbli in kwantu meħuda skont il-Liġi.

**Kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-ewwel aggravju tal-appellant.**

45. Fl-ewwel aggravju l-appellant Bin AMIR jattakka s-sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu għal dak li jirrigwarda s-sitt imputazzjoni għaliex jilmenta kif din l-imputazzjoni kellha tiġi assorbita fl-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta kontra tiegħu. Din is-sitt imputazzjoni taqra bil-mod segwenti:

> Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis jew biċċa minnha bi ksur tal-Art. 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

46. Sabiex jiġi integrat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ried jiġi ppruvat sal-grad rikjest mil-Liġi fil-kamp penali li l-appellant, fil-parametri temporali prospettati fiċ-ċitazzjoni, kellu l-pjanta Cannabis fil-pussess u kontroll effettiv tiegħu. Dan il-Qorti tista' tasal għalih kemm minn evidenza diretta bħal dikjarazzjonijiet magħmula 'ex admissis' mill-appellant, kif ukoll tista' tiddeżumieh miċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ. U fl-analiżi ta' dawn iċ-ċirkostanzi nonche' tal-kwadru probatorju fl-intier tiegħu, jista' jagħti l-każ li jkunu jikkoeżistu flimkien, fl-istess kawża allura, iktar minn fatt ġuridiku wieħed li jagħmel lill-ġudikabbli passibbli għal proċeduri kriminali minħabba l-ksur tal-istess artikolu tal-Liġi iżda <u>**f'ċirkostanzi jew episodji differenti**</u> għad li fl-istess parametri temporali mniżżla fiċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-Pulizija Eżekuttiva tkun ippromoviet il-każ kontra tiegħu.

47. Il-Qorti tirrileva li ma tistax taqbel mal-appellant li l-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu jirreferu għall-istess fatt ġuridiku. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) stqarret f'dan ir-rigward:

> In kwantu għal din l-imputazzjoni, din tirreferi għall-4 ta' April 2021 u/jew fis-snin ta' qabel. **M'hemmx dubju li l-imputat kien fil-pussess tad-droga kannabis dakinhar tal-4 ta' April 2021**[18], iżda inkwantu għas-snin ta' qabel filwaqt li huwa ammetta li kien ikun fil-pussess tad-droga kannabis biss pero' fid-dawl tal-emendi leġiżlattivi permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021 din il-Qorti filwaqt li ma għandhiex l-ammont preċiż ta' kemm l-imputat kien ikollu fil-pussess tiegħu kulju u stante li ma rriżultax li l-imputat kellu f'xi żmien il-pussess ta' kannabis f'ammonti akbar minn dawk stipulati fil-liġi fil-ġurnata partikolari jsegwi li din il-Qorti se ssib lill-imputat ħati biss b'referenza għad-data tal-4 ta' April 2021.

48. Mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li fil-lejl ta' bejn it-3 ta' April u l-4 ta' April 2021 daħlu fl-appartament fejn kien jirrisjedi l-appellant jirriżulta li xammew riħa qawwija ta' cannabis u sabu li l-appellant, flimkien ma' xi nies oħra, bl-indikazzjoni ċirkostanzjali li kienet qegħda tiġi mpejpa l-cannabis. F'paġna 35 tax-xhieda tiegħu, PC 1054 Manuel Zahra jixhed hekk:

> Dħalna flimkien jiena PC 1054 u s-Surġent il-1553 fejn inxtammet riħa qawwija ta' ħaxixa. Insemmi li fl-istess post kien hemm erba' (4) persuni, wieħed minnhom huwa Ali Bin Amir Ahmed li fetħilna..

[18] Enfasi miżjuda.

49. Imbagħad, f'paġna 44 tax-xhieda tiegħu, PS 1553 Francesco Mizzi xehed hekk:

> Aħna morna Flat 3, għax l-istorbju beda jinstema' ħiereġ irriżulta li dan kien minn Flat 3, anke x'ħin wasalna ħdejn il-bieb bdejna nisimgħu l-istorbju ħiereġ. Issa mbagħad ħabbatna fetaħ is-Sinjur. X'ħin fetaħ il-bieb xammejna riħa qawwija ta' kanabism kif ukoll kien hemm xi nies li nstemgħu ipparlaw u jidku.

50. Anki l-appellant fl-istqarrija tiegħu f'paġna 114 tal-atti proċesswali jammetti kif huwa jpejjep id-droga cannabis oltre għall-fatt li huwa qatt ma kkontesta li dakinhar li daħlu l-Pulizija fl-appartament tiegħu fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' April 2021 huwa kien flimkien ma' oħrajn qiegħed ipejjep id-droga cannabis:

> ...Jiena npejjep ġifieri jiena noħodhom imma fuq xhied ħa noħodhom ma nafx, avolja jiena noħodhom xi ħaġa.

51. Ukoll, f'paġna 125 tal-istqarrija, l-appellant Bin AMIR stqarr hekk:

> Interpretu Nazmi Houtu: Mela, is-suspettat jikkonferma waqt l-interrogazzjoni nħobb dan il-materjal marijuana. Kif iħobbha ikollhi ċans nixtrieha din il-marijuana inħobba jiena.

52. Lanqas jiċħad li jpejjep id-droga cannabis kuljum:

> Spettur Justine Grech: Kemm ipejjep kuljum?
>
> Interpretu Nazmi Houtu: Ma nafx eżatt, ma nafx eżatt.
> ..../.....
> Interpretu Nazmi Houtu: Is-suspettat jirrispondi din il-mistoqsija waqt l-interrogazzjonijiet bejn tlieta (3) u erba' (4) sigaretti kuljum.

53. Għaldaqstant, minn dawn is-siltiet jirriżulta li l-appellant ammetta li huwa kien ipejjep il-cannabis kuljum, u ċ-ċirkostanzi dakinhar tas-sejba kienu juru wkoll li fir-residenza tiegħu kien qiegħed isir tipjip tal-cannabis. B'hekk l-imputazzjoni numru sitta ma tirreferix għal dik il-qabda tal-istess sustanza cannabis illi saret fl-appartament li fih kien jirrisjedi l-appellant hekk kif kienet imqassma fil-vażetti li nstabu fil-kamra tas-sodda tiegħu u f'sittax -il borża oħra jew tar-raża tal-cannabis misjuba in kwantu dawn kienu jiffurmaw il-meritu tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni u b'hekk kienu jirreferu għal fatt ġuridiku differenti, separat u distint mill-użu tal-pjanta cannabis li l-appellant kien qiegħed jagħmel għall-użu personali tiegħu, li del

resto ma ġiex kontestat. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkonkludiet li s-sitt imputazzjoni kienet tirreferi għal fatt ġuridiku li l-appellant kien fil-pussess tad-droga cannabis dakinhar tal-4 ta' April 2021 u dan in kwantu inqabad in flagrante delicto jagħmel użu ta' din is-sustanza flimkien ma' oħrajn.

54. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għas-sitt imputazzjoni u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-ewwel u mat-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant mertu tat-tieni u tat-tielet aggravji tal-appellant.**

55. Illi t-tieni u t-tielet aggravji huma simili fin-natura tagħhom in kwantu jattakkaw id-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija għar-reat ta' pussess aggravat tad-droga cannabis in kwantu għall-ewwel imputazzjoni u tad-droga kokajina għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. L-appellant jillanja li l-apprezzament tal-provi miġjuba hekk kif magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan ir-rigward kien approssimattiv u żbaljat u li ma sarx b'mod komplessiv iżda spezzettat.

56. Illi in kwantu għar-reat ta' pussess mhux għall-użu esklussiv, il-ġurisprudenzja tqis il-kwantita' ta' droga misjuba bħala ċirkostanzi li waħidha tista' tkun suffiċjentement indikativa daqskemm konklussiva ta' użu mhux intiż għall-konsum personali. Dan huwa minnu meta l-ammont ta' droga misjuba jkun fi kwantitajiet li mhux ġeneralment skont ir-regoli iddettatti mill-buon sens, huwa assoċjat ma' użu personali. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**[19] ġie ritenut is-segwenti:

> Meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.

57. Ukoll, meta l-ammont ma jkunx wieħed li normalment wieħed jassoċja ma' użu personali, ikun jispetta lill-imputat li jipprova li fuq bażi ta' probabilita' dik id-droga kienet għall-użu esklussiv tiegħu. Dan jagħmlu billi juri kif id-dipendenza tiegħu kienet waħda akuta biex b'hekk il-kwantita' misjuba fil-pussess tiegħu tkun iġġustifikata

[19] Deċiża nhar it-2 ta' Settembru 1999.

u ssostanzjata. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi**, deċiż fis-17 ta' Frar 1997 intqal:

> L-ewwel net wieħed għandu jara jekk l-ammont ta' droga huwhiex ammont li normalment wieħed jassoċja ma' użu personali, u sa hawn il-piż tal-prova (u ċioe' l-prova tal-ammont u tal-pussess) qiegħed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk pero', dak l-ammont ikun tali li normalment wieħed ma jassoċjax mal-użu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bażi ta' probabilita' li dak l-ammont kien għall-użu esklussiv tiegħu u dan l-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.

58. Jista' jagħti l-każ ukoll li d-droga misjuba ma tkunx waħda fi kwantitajiet kbar; iżda dan ma jkunx neċessarjament ifisser li allura d-droga misjuba kienet għall-użu esklussiv tal-ġudikabbli. F'dak il-każ min jiġġudika l-fatti jeħtieġ li jqis flimkien kemm il-kwantita' ta' droga misjuba kif ukoll iċ-ċirkostanzi l-oħra li jsawru tali sejba. Dawn jistgħu jinkludu sejba ta' oġġetti relatati mal-bejgħ, tqassim jew spaċċ tad-droga, kwantitajiet ta' flus misjuba fil-pussess materjali tal-akkużat, tqassim b'ċerta preċiżjoni tad-droga f'boroż jew kontenituri separati – li hija indikattiva ta' preparazzjoni għal spaċċ, kwantita' ta' telefoni ċellulari appartenenti jew attribwibbli lil ġudikabbli u kontenut ta' dawn iċ-ċellulari li jista' jkun indikattiv tal-ispaċċ.

59. Kull każ irid jiġi eżaminat fil-fattispeċje tiegħu peress li ma teżisti ebda regola kristalizzata li tistabbilixxi kif u meta l-pussess ta' droga għandu jkun meqjus li jkun jew ma jkunx aggravat. Huwa biss qari akkurat taċ-ċirkostanzi li fihom tkun instabet is-sustanza illeċita li tista' titfa dawl fuq jekk l-intenzjoni tal-akkużat kinitx tkun li jżomm dik id-droga għall-użu personali jew inkella sabiex dik id-droga tiġi spaċċata. Biex din id-droga tiġi spaċċata ma hemmx għalfejn ikun hemm l-iskop tal-qliegħ. Huwa biżżejjed li dak li jkun juri disposizzjoni li jqassam dik id-droga ma dawk li jkunu qegħdin jikkunsmawha miegħu.

60. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** deċiż nhar it-23 ta' Mejju 2002, ġie rilevat is-segwenti:

> Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.

61. Ukoll, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Marius Mallia** deċiż nhar it-12 ta' Mejju 2005, ġie ritenut illi:

> Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].
>
> Illi pero' kif ġie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar, hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il-fattispeċji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi 'hard and fast rule' x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmlu l-ġudikant u jekk l-konklużjoni li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun perfettament raġġiunċibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bbażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anke jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli (App. Krim. ''**Il-Pulizija vs. Brian Caruana** 23.5.2002'')

62. L-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi jeħtieġ li jkunu bażati fuq fatti ppruvati sal-grad rikjest mill-Liġi penali u nieqsa minn kull amibgwita' sabiex b'hekk il-ġudikant ikun jista' jasal għal ġudizzju li huwa 'safe and satisfactory' dwar il-fatt li d-droga misjuba ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ġudikabbli. L-intenzjoni tal-ġudikabbli jekk ikunx jippossjedi dik id-droga għall-użu tiegħu personali jew inkella jkunx qiegħed iżommha mhux għall-użu esklussiv tiegħu tiġi deżunta mill-assjem taċ-ċirkostanzi li fihom tkun instabet is-sustanza illeċita.

63. Il-Liġi Maltija tikkuntrasta mal-Liġi Ingliża in kwantu din titkellem fuq 'possession with intent to supply' bħala wieħed mill-ingredjenti tar-reat. Fil-Liġi Maltija mhux meħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-intenzjoni tal-ispaċċ; skont il-Liġi Maltija, kif intqal, huwa biżżejjed li l-ġudikant jista' jasal għall-konklużjoni li l-pussess tad-droga de quo ma kienetx għall-użu esklussiv tal-ġudikabbli anke miċ-ċirkostanzi li fihom tkun instabet is-sustanza illeċita – indipendentement mill-fatt jekk il-ġudikabbli jkollux dik l-intenzjoni li jispaċċa dik id-droga. Allura dan ir-reat jista' jitqies integrat anke f'dawk il-każijiet li l-ġudikabbli jiġi misjub fi kwantitajiet ta' droga li għalkemm ma jkunux wisq allarmanti minnhom infushom, jistgħu wkoll jinstabu f'ċirkostanzi li wieħed diffiċilment, bl-użu tas-sens komun u l-buon sens, ikun jista' jasal

għall-konklużjoni li dik id-droga kienet esklussivament għall-użu tal-ġudikabbli – u dan anke fejn ma jkunx hemm evidenza ta' spaċċ preċedenti jew konkomitanti s-sejba. Dan ir-reat ta' pussess ta' droga mhux għall-użu esklussiv jista' allura wkoll jikkonfigura ruħu fil-każ ta' **hoarding** ta' ammont ta' droga li ma jkunx normalment assoċjat ma' użu personali u partikolari ta' dak il-ġudikabbli li jkun.

64. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Jason Mallia** deċiż nhar it-2 ta' Settembru 1999, ġie ritenut is-segwenti:

> Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li mhux korrett li wieħed jgħid li biex tikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 22(20(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-possessur kellu l-animus li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ppruvata miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura ċertament dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-possessur. Iżda tali intenzjoni mhiex meħtieġa għall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrkejedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati." Fi kliem ieħor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix beħsieha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur, ukoll jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif biħsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga.

65. U għaldaqstant ir-reat in diżamina jista' jitqies integrat mhux daqstant jekk ikun jirriżulta li l-ġudikabbli kellu l-intenzjoni li jispaċċa dik il-kwantita' ta' droga misjuba daqskemm fejn l-assjem taċ-ċirkostanzi li fihom tkun instabet dik id-droga kemm mill-lat kwantitativ u/jew dawk kwalitattivi jindikaw li dak l-istess pussess ma jkunx kompatibbli mas-sempliċi użu personali tal-istess droga. Il-konklużjoni loġika f'dak il-każ allura tkun li dak il-pussess ta' dik il-kwantita ta' droga misjuba f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari ma tkunx ritenibbli għall-użu esklussiv tal-ġudikabbli.

66. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Lawrence Fabri** deċiż nhar is-27 ta' April 2017, intqal:

> Issa l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-principju legali tal-pussess aggravat tad-droga billi biex jissussisti dan ir-reat, fil-fehma tieghu, hemm il-htiega li l-ewwel u qabel kollox tigi ippruvata l-intenzjoni ta' l-ispacc u cioe' illi l-pussess tal-awtur tar-reat irid ikun wiehed intiz ghall-ispacc. Dan ma jirrizultax, jikkontendi, mill-atti probatorji. Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova

tali intenzjoni u cioe’ li ser isir xi forma ta’ traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta’ droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux ilpussess bl-intenzjoni ta’ l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista’ issir mill-gudikant. Madanakollu jerga’ jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta’ l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b’mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia …/...

Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk. “Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:
• Possession of a quantity inconsistent with personal use.
• Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.
• Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.
• Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.
• Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).
• Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.
• Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.
• Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant lifestyle which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69. 9
• Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.”

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illicit Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

“Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article may be inferred from objective factual circumstances.”

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta.

67. Dwar l-oneru tal-prova sabiex tirnexxi l-imputazzjoni ta' pussess aggravat, din il-Qorti diversament presjeduta, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Stiano Agius** deċiż fis-16 ta' Ottubru 2018 għamlet referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Sammut** fejn kien ġie ritenut li:

Illi dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda l-oneru tal-prova, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-appellant li hija w tibqa' dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni jew bi provi diretti jew bi provi indizjarji li l-pussess tad-droga jkun taht cirkostanzi tali li jindikaw li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat. Pero' "in all fairness" l-Ewwel Qorti ma marritx kontra dan il-principju f'dak li qalet. Di fatti l-Ewwel Qorti ma qalitx dak li jinghid fir-rikors tal-appell u cioe' "li l-akkuzat ma rmexxilux jipprova li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu". Li qalet l-Ewwel Qorti, wara li ccitat diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati biex tipprova tislet xi kriterji li ghandhom iservu ta' gwida lil Qrati biex ikunu jistghu jiddistingwu bejn pussess semplici w pussess aggravat, kien testwalment dan :-

"Din il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ma ppruvax id-difiza tieghu fuq bazi ta' probabbilta'." U ziedet tghid : "Din il-Qorti qed tqis li l-ammont ta' droga, l-ammont ta' qratas (ghoxrin) it-tqassim matematiku preciz taghhom u ssejba ta' aktar qratas vojta fil-karozza u ta' erbghin lira Maltiija f'idejn l-imputat, meta dan lanqas kellu job tajjeb jew li jassigura dhul ragonevoli, u li l-flus instabu meta l-imputat kien ghadu kif nefaq somma konsiderevoli l-jum ta' qabel, jammontaw ghal cirkostanzi ta' pussess aggravat. F'dan kollu l-Ewwel Qorti kienet qed tghid li meta l-Prosekuzzjoni ppruvat dawn ic-cirkostanzi kollha, hija kienet sodisfatta sal-grad ta' prova li trid il-ligi li kien gie pruvat li l-pussess ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu. Umbaghad qalet ukoll li, wara li ezaminat il-linja difensjonali w l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellant ghal dawk iccirkostanzi, l-appellant ma ssodisfahiex lanqas sal-grad tal-probabbli. Dan l-Ewwel Qorti kellha dritt tghidu kif qalitu w ma hemm ebda spropozitu legali jew inversjoni tal-prova la esplicita w lanqas implicita f' dak li qalet.

68. Issa allura f'dan il-każ, huwa indubitat li l-appellant kien jirrisjedi b'titolu ta' lokazzjoni fl-indirizz Flat 3, Triq Giuseppe Despot San Pawl il-Baħar. L-appellant kien iħallas l-ammont ta' tliet mitt euro (€300) kera fix-xahar. Skont ix-xhieda ta' sid l-appartament Anthony Vassallo, L-appellant kien ilu jħalsu s-somma ta' sitt mitt euro (€600) bħala kera sa mis-sena 2018. L-appellant jgħid li huwa jaqsam din il-kera bin-nofs ma inkwilin ieħor. B'hekk iħallas tliet mitt euro (€300) f'kera.

69. F’dan l-appartament, dakinhar tal-4 ta’ April 2021, il-Pulizija elevaw, inter alia, is-segwenti:[20]

i) Vażett tal-ħġieġ kontenenti erba’ pakketti li kien fihom materjal erbaċeju (piż: 3.73g)
ii) Vażett tal-ħġieġ bit-tapp tal-ħadid kontenenti pakkett li kien fih materjal erbaċeju (piż: 5.00g);
iii) Vażett tal-ħġieġ kontenenti seba’ pakketti li kien fihom materjal erbaċeju (piż: 5.91g)

Din is-sustanza kienet mqassma f’boroż żgħar trasparenti ssiġġilati.

iv) Pakkett li kien fih materjal erbaċeju (piż: 10.07g)
v) Tliet pakketti li kien fihom materjal erbaċeju (piż: 1.75g)
vi) Kapsula ta’ lewn iswed kontenenti reżina ta’ lewn kannella (piż: 9.75g)
vii) Ħames pakketti tal-plastik kontenenti trab ta’ lewn abjad (piż: 1.59g)
viii) Diversi boroż tal-plastik vojta l-istess bħal dawk li fihom kienet instabet is-sustanza illeċita;
ix) Envelope tal-karti li kien fih elf u sitt mitt euro (€1600) fi flus kontanti;
x) Erba’ mija u sittin euro (€460) f’passaport appartenenti għall-appellant;
xi) Mija u tmenin euro (€180) f’landa li kien fiha żrieragħ tal-cannabis;
xii) tliet crushers; u
xiii) Miżien elettroniku.

70. Issa skont ix-xhieda ta’ PC 1054 f’paġna 36 tal-proċess, il-miżien elettroniku flimkien ma’ telefon ċellulari iswed instabu f’kexxun ta’ biċċa għamara li kienet tinstab fil-kamra tas-sodda tal-appellant. F’din l-istess kamra tas-sodda ġewwa gwardarobba nstabet ukoll ġakketta safra li ġewwa fiha nstabu l-vażetti tal-ħġieġ kontenenti d-droga cannabis grass kif indikat iktar ‘il fuq fi kwantita’ totali ta’ 14.64g imqassma ġo boroż tal-plastik f’kwantitajiet żgħar. Dan xehdu wkoll PC 854 Dennis Camilleri f’paġna 39 tax-xhieda tiegħu.

71. Imbagħad PS 1553 Francesco Mizzi f’paġna 45 tax-xhieda tiegħu jixhed hekk:

[20] Din l-analiżi sejra ssir b’rabta mal-ewwel żewġ imputazzjonijiet kif miġjuba kontra l-appellant.

> Għamilna search, sibnihom ġol-living room ġo coffee table, hemm qisu kexxun x'ħin ftaħniha sibna d-droga hemm ġew, imbagħad sibna vasett fuq it-TV unit, **sibna aktar droga ġol-kamra tas-sodda fejn jorqod l-akkużat ġewwa l-kexxun ġod-drawer. Sibna fil-komodini u sibna f'ġakketta li kienet ġol-gwardarobba wkoll, dak kollox.**[21]

72. U għalkemm mix-xhieda tal-Pulizija li wettqet din it-tfittxija fl-appartament tal-appellant ma jirriżutax b'mod ċar - għajr għall-vażetti tal-ħġieġ li nstabu fil-gwardarobba, il-miżien u t-telefon ċellulari l- iswed li nstabu fil-kexxun fil-kamra tas-sodda tiegħu, u l-ixtieli li nstabu fuq it-'television unit' - fejn instabet il-bqija tad-droga, il-Qorti din l-informazzjoni tislitha minn dak li stqarr l-appellant 'ex admissis' fl-istqarrija minnu magħmula. In kwantu għad-droga cannabis fil-forma erbaċeja tagħha (piż totali: 11.75g) u in kwantu għall-kapsula ta' lewn iswed kontenenti reżina ta' lewn kannella (piż: 9.75g), f'paġna 116 tal-istqarrija, l-appellant jikkonferma li dawn huma tiegħu. In kwantu għar-reżina tal-cannabis, l-appellant jerġa' jikkonferma li din kienet tiegħu wkoll f'paġna 120 tal-istqarrija tiegħu. Bl-istess mod f'paġna 119 tal-istqarrija tiegħu, l-appellant jikkonferma li l-evidence bag enumerat S01490998 kontenenti tlett 'crushers' kien tiegħu.

73. Issa meta wieħed jistħarreġ il-ġurisprudenza imsemmija iżjed il-fuq u l-fatti li rriżultaw lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li s-sejba tad-droga cannabis setgħetx titqies li kienet għall-użu personali tal-appellant. Din il-konklużjoni però trid tinftiehem fis-sens ġurisprudenzjali iżjed il-fuq elaborat.

74. Jibda biex jingħad li din is-sustanza kienet imqassma fi kwantitajiet żgħar u b'ċertu preċiżjoni f'boroż żgħar. Din il-preċiżjoni ta' kwantitajiet żgħar hija wkoll indikattiva ta' użu ta' miżien żgħir bħal dak li nstab f'dan il-każ fil-kamra tas-sodda tal-appellant. Fil-fatt dan il-miżien irriżulta pożittiv għal traċċi tad-droga cannabis kif muri fir-relazzjoni tal-espert Gilbert Mercieca. Fl-istqarrija tiegħu l-appellant ma tax risposta ċara dwar dan l-użu tal-miżien. Anzi kien pjuttost evażiv meta f'paġna 123 tal-istqarrija tiegħu l-appellant qal li dan il-miżien kien jintuża b'mod ġenerali li mhux bilfors tużah għad-droga.

75. Issa, għalkemm huwa minnu li miżien elettroniku jista' jintuża' b'mod ġenerali jiġi rilevat li l-unika traċċa li nstabet fuqu dan il-miżien

---

[21] Enfasi miżjuda.

kienet dik tad-droga cannabis u mhux ta' xi materjal ieħor. Apparti minn hekk nstab fl-istess kamra fejn kienet instabet id-droga u mhux fil-kċina jew f'xi kamra oħra fejn miżien jiġi komunement utilizzat. Addirittura f'paġna 124 tal-istqarrija, l-appellant jgħid li l-miżien mhux tiegħu iżda kien ta' sieħbu u dan allavolja kien instab fil-kamra tas-sodda tiegħu.

76. Apparti minn dan, instabu wkoll važetti kontenenti d-droga cannabis imqassma f'diversi boroż ta' kwantitajiet żgħar iżda relattivament preċiżi fil-kamra tas-sodda tiegħu. In kwantu għal boroż trasparenti li wkoll ġew elevati mill-Pulizija mill-appartament fejn kien jirrisjedi l-appellant, għad li dawn ma kienux jikkontjenu droga, kienu tal-istess xorta u għamla bħal dawk li fihom instabet imqassma bi preċiżjoni s-sustanza illeċita. It-tqassim tad-droga f'dawn l-għadd ta' boroż fi kwantitajiet żgħar u relattivament preċiżi ma humiex kompatibbli ma ċirkostanzi li juru li dik id-droga kienet għall-użu esklussiv tal-ġudikabbli – anke jekk il-piż totali ta' dik id-droga ma kienx xi wieħed kbir ħafna.

77. Irriżultaw pożittivi għall-preżenza tad-droga cannabis ukoll, il-crushers li l-appellant jikkonferma li kienu jappartjenu lilu.

78. Meta ġie mistoqsi mill-Ispettur Justine Grech[22] kemm kien ipejjep cannabis, l-appellant wieġeb b'mod ambigwu li ma servietx sabiex twassal għal xi forma ta' kalkolu indikattiv li tassew l-ammont ta' sustanza misjuba fil-pussess tal-appellant setgħet kienet għall-użu personali tiegħu:

> Spettur Justine Grech: Per eżempju urejtu dik li kienet borża waħda (1) sħiħa kienet tiżen presso poco għaxar grammi (10g). Hija tiegħu dik? Kemm isservih?
>
> Interpretu Nami Houtu: mela skont psikoloġikament il-persuna tiegħi kemm ikollhu jagħtik, pero' jista' jkun f'ġurnata waħda naħliha dik.

79. Din it-tweġiba turi element ta' inkonsistenza fl-ammont tal-użu tad-droga da parti tal-appellant. Din tista' tkun tagħmel sens meta wieħed iqis li persuna tista' ma tkunx dejjem fl-istess stat mentali u għalhekk jiġu mumenti fejn tkun iżjed propensa tuża l-cannabis minn ġranet oħra. Iżda kemm effettivament kien juża cannabis l-appellant baqgħa mhux iċċarat sew – appart l-istqarrija tiegħu li kien ipejjep

[22] Foljo 127 tal-istqarrija

bejn tliet jew erba’ sigaretti tal-cannabis kuljum – mingħajr indikazzjoni ta’ kemm jitfa ħaxixa f’kull sigarett.

80. L-appellant l-anqas ma rnexxilu jagħti spjegazzjoni għalfejn id-droga cannabis kienet imqassma f’boroż differenti b’piżijiet differenti bl-istess mod bħal dik id-droga li ġeneralment tkun ippakjata lesta sabiex tiġi spaċċata:[23]:

> Spettur Justine Grech: Mela, il-flixkun tal-ħġieġ diġa’ jkun sealed. Kieku l-ikel kollhu jitlaq. Għalxiex irid jitfahom ġo boroż separati anke ġol-jars differenti?
>
> Interpretu Nazmi Houtu: Jiena s-suspett tiegħi personali biex nara kif qiegħdin ġo dak il-ħġieġ biex inpejjiphom.

81. Ċirkostanza oħra indikattiva ta’ spaċċ hija l-kwantita’ ta’ flus misjuba fl-appartament tal-appellant f’ammont ta’ elfejn mitejn u erbgħin (€2240). Issa verament li dawn mhux ammont ta’ flus kbir. Iżda kollox huwa relattiv. L-appellant ‘ex admissis’ jistqarr li kien ilu jirċievi l-benefiċċju soċjali għaliex kien tilef xogħolu minħabba l-imxija tal-Pandemija Covid 19. Huwa kien jgħid li bilkemm kien ikollu x’jiekol peress li kien iħallas tliet mitt euro (€300) f’kera kull xahar. Apparti minn hekk huwa qal li kellu d-dejn ma oħtu u ma’ xi nies oħra[24] li kienu jisilfuh il-flus. Apparti minn hekk huwa jistqarr li kien iħobb il-marijuana u għalhekk ried ikollu biex imantni dan il-vizzju tiegħu tad-droga. Jibqgħalu wkoll l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mas-sostantement tiegħu u mal-ħlas ta’ kontijiet ta’ dawl u ilma.

82. Skont ir-rapport tal-espert Gilbert Mercieca, id-droga cannabis li l-appellant qal li kienet intiża għall-użu esklussiv tiegħu kellha globalment, il-valur fis-suq ta’ ‘l fuq minn Ewro 700 (Ewro 502 għas-16 -il borża u Ewro 219 għar-reżina tal-cannabis). Biss imbagħad l-appellant jgħid li ma kienx dejjem ikollu x’jiekol u kien anke jgħinu sieħbu.

83. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet għalhekk, in bażi għal dawn il-provi, tqis li l-verżjoni tal-appellant fejn jgħid li jirnexxilu jlaħħaq ma’ dawn l-ispejjeż kollha permezz tad-dħul tiegħu fix-xahar li ma jaqbiżx it-tliet mija u erbgħin euro (€340) f’benefiċċji soċjali ma kienetx titwemmen. Fir-rikors ta’ appell tiegħu l-appellant jittenta jsemmi wkoll xi flejjes li huwa kien fadallu miż-żmien li kien għadu

[23] Foljo 122 tal-istqarrija
[24] Foljo 113 tal-istqarrija

jaħdem biss din hija kontraddizzjoni oħra għaliex jekk huwa minnu kif qal hu li kellu jissellef xi flus mingħand oħtu sabiex ikun jista’ jmur għand id-dentist u jirranġa d-dras, aħseb u ara kemm kellu flejjes imġemmgħin sabiex ikun jista’ jgħaddi u jkopri l-ispejjeż li semma’ li huwa jkollu mensilment. U jekk kellu xi flejjes tiegħu imfadlin, kif allura jgħid li kien ikun hemm ġranet fejn ma kienx ikollu x’jiekol?

84. F’dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-paġna 136 tal-istqarrija tiegħu fejn qal hekk:

> Interpretu Nazmi Houtu: Is-suspettat qal illi jiena mhux ħafna drabi lanqas għandna biex nieklu ġifieri qed isemmi sitwazzjonijiet ikunu naqra nuqqasijiet, ehe.
>
> Spettur Justine Grech: Mela, eżatt. Mela lili jista’ jispjegali kif dan jirċievi ċekk ta’ tlett mija u erbgħin (340) li jmorru kera kollha kemm huma, irid iħallas, irid jiekol, għandu dik l-ammonta ta’ droga, tajeb? U kellhu iktar cash.

85. Meta mbagħad mistoqsi jiġġustifika l-flejjes li nstabu fl-ammont ta’ elf u sitt mitt euro (€1600) l-appellant qal li dawn kienu ta’ ħabib tiegħu li tahom lilu sabiex iżommhomlhu qabel ma kien sejjer jiżżewweġ.[25]

86. M’hemmx prova diretta li dawn il-flejjes li nsabtu fl-appartament tal-appellant kienu flejjes derivanti minn attivita’ illeċita ta’ spaċċ. Iżda kif ingħad, dawn il-flejjes misjuba fi kwantitajiet ferm ikbar minn kemm jista’ jippermetti l-appellant fil-kundizzjoni finanzjarja li huwa stess iddeskriva, meqjusa flimkien maċ-ċirkostanzi kollha l-oħra li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) daħlet fihom kif spjegat iżjed ‘il fuq, tqis li dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li dawn kienu ta’ provenjenza illeċita’ u ta’ kif dik id-droga li nstabet fil-pussess tiegħu ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu.

87. Bl-istess mod, jista’ jingħad għal dak li jirrigwarda s-sejba ta’ dawk il-ħames boroż kontenenti d-droga kokajina. Jekk is-sejba tad-droga cannabis kienet waħda b’xi mod spejgata mill-appellant, is-sejba tad-droga kokaina ma ġietx soddisfaċentement spjegata minnu. Minn dak li stqarr l-appellant fl-istqarrija tiegħu jirriżulta li din id-droga kien ġarrha hu mil-lokalita’ ta’ San Ġiljan darba minnhom tmien xhur jew sena qabel l-arrest tiegħu. Ir-rakkont kien wieħed konfużjonarju u jagħti x’jifhem li setgħa akkwistaha hu daqskemm

[25] Foljo 138 tal-istqarrija.

setgħa kien hemm xi ħadd li żerżaqielu fil-but tiegħu. F’paġna 118 tal-istqarrija l-appellant jgħid:

> Spettur Justine Grech: mela, kif kienet fil-but? Għaliex kienet fil-but ġo Paceville? X’kien ħa jagħmel biha? Biex ibiegħha? Minn fejn, minn fejn San Ġiljan? Minn fejn San Ġiljan?
> Interpretu Nazmi Houtu: ...Mela dak il-perjodu, dak il-mument meta kont f’San Ġiljan, kont fid-disco eċċetera eċċetera. Mela dak il-perjodu, dak il-mument meta kont fid-disco illi tlift il-mowbajl u ma nafx kif dan il-borża ġie fil-but tiegħi, ġewwa l-but tiegħi, ġewwa l-but tiegħi, kif wasal hemm...
> Spettur Justine Grech: Tawk present fil-but.
> Interpretu Nazmi Houtu: Is-suspettat jifhem il-mistoqsijiet tal-Ispettur. F’dawk il-mumenti jista’ xtrajtu....
> Spettur Justine Grech: Jista’ xtrajtu?
> Intrepretu Nazmi Houtu: Jista’ xtrajtu, jista’ xtrajtu. Jista’ xtrajtu. Mela jista’ xtrajtu f’dawk il-perjodu f’dawk il-mumenti u kiena meta wasalt id-dar...

88. Kellha raġun il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tqis il-verżjoni tal-appellant bħala li ma tistax titwemmen. Jibda biex jingħad li din id-droga nstabet imqassma fl-istess tip u għamla ta’ boroż bħal dawk li fiha nstabet ukoll id-droga cannabis li huwa qal li kienet tiegħu. Anki l-fatt stess li kienet imqassma b’diversi boroż huwa tipiku ta’ min jaqsam id-droga f’qratas b’piżijiet differenti b’intenzjoni ta’ spaċċ – aktar u aktar meta d-droga tkun fi trab bħal kokajina.

89. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha wkoll raġun tqis li diffiċilment wieħed jifhem kif persuna li tkun nefqet kważi tmenin euro (€80)[26] fi droga mbagħad tgħid li insietha fil-but tal-ħwejjeġ tagħha – u dan meta l-appellant jistqarr li huwa kważi bilkemm kellu għaxja ta’ lejla! Pero normalment jekk wieħed jixtri droga għalih, wieħed mistenni li jikkonsma dik id-droga. Mhux hekk jidher li ġara f’dan il-każ peress li fl-istqarrija tiegħu, ripetutament, l-appellant stqarr li huwa jpejjep biss u ma kienx jieħu l-kokajina! Allura l-mistoqsija mhux waħedha tiġi – jekk hu ma jużax kokajina, għal min kienet maħsuba dik id-droga kokaina li nstabet għandu??

90. Minn kliem l-appellant ukoll, din id-droga kokajina nstabet fil-but tiegħu u kwindi fi ħwejjeġ li kienu jappartjenu lilu b’esklużjoni ta’ xi ħadd ieħor li seta’ kien jirrisjedi fl-istess appartament. Kif ingħad fir-rigward tat-tieni aggravju, bl-istess mod hawnhekk il-Qorti tifhem li sabiex jinxtraw ħames boroż kokajina b’valur fis-suq stmat li kien ta’ tmienja u sebgħin euro (€87) wieħed jeħtieġ li jkollu biex jixtrihom. Dan qiegħed jingħad speċjalment għaliex jekk tqis is-somma ta’ oltre

[26] Ara l-valur tad-droga skont ir-rapport tal-espert Gilbert Mercieca paġna 72 tal-proċess.

seba’ mitt euro (€700) bħala valur tad-droga cannabis li l-appellant qal li kienet intiża għall-użu esklussiv tiegħu u l-valur ta’ din id-droga kokajina, wieħed ikun qiegħed iħares lejn nefqa ta’ kważi tmin mitt euro (€800) – kważi darbtejn u nofs l-ammont ta’ flus li l-appellant kien qiegħed idaħħal mill-għinuna soċjali li qal li kien qed jgħix biha f’kull xahar! Kienet allura spiża li l-appellant diffiċilment seta’ jreġiha fil-kundizzjoni finanzjarja tiegħu.

91. **Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-imputat qua appellant fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu. B’hekk il-Qorti tiddeċiedi li t-tieni u t-tielet aggravji hekk miġjuba qiegħdin jiġu miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet marbuta mar-raba’ aggravju**

92. Illi permezz ta’ dan ir-raba’ aggravju tiegħu l-appellant jittenta jattakka l-ordni ta’ konfiska tal-flejjes misjuba mill-Pulizija f’total ta’ elfejn mitejn u erbgħin euro (€2240) in kwantu jilmenta li ma saritx il-prova li dawn il-flejjes kienu derivanti minn attivita’ ta’ spaċċ rikonduċibbli għalih.

93. Issa, l-Artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa ċar in kwantu jeżiġi b’mod mandatorju li f’każ ta’ dikjarazzjoni ta’ ħtija, il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tar-rikavat min attivita’ illeċita, f’dan il-każ il-flejjes derivanti mill-ispaċċ tad-droga:

> (1) Il-konfiska tal-corpus delicti,tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta’ kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti.

94. Kif ġie spjegat iżjed il-fuq, meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet konfrontata b’dawk il-provi kollha, hija setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-flejjes li l-Pulizija ssekwestraw mill-apparatament tal-appellant kienu jappartjenu lill-appellant bħala derivanti min-negozju ta’ droga. Ingħad kif il-Qorti tqis li l-flejjes li nstabu għand l-appellant kienu jikkuntrastaw ma’ dak li ex admissis l-appellant stqarr li kienet il-qagħda finanzjarja tiegħu. Ingħad ukoll

kif dawn il-flejjes għandhom jiġu meqjusa flimkien ma' provi ċirkostanzjali oħra bħal dik il-parafernalja tad-droga bħal miżien, 'crushers' u 'packaging', il-verżjonijiet kunfliġġjenti li huwa taha, id-dikjarazzjonijiet magħmula minnu stess, u dawn is-singoli prova meħudin imbagħad flimkien, jifformaw serje ta' ċirkostanzi li univokament jixhdu kif id-droga misjuba għand l-appellant ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

95. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta legalment meta applikat ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali għaliex jirriżulta ppruvat sal-grad rikjest fil-kamp penali li dawk il-flejjes kienu miksuba mill-kommissjoni ta' serje ta' reati bi ksur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

96. Mill-banda l-oħra l-appellant ma ressaqx provi li kienu juru, sal-grad tal-probabbli, li dawk kienu flejjes ta' provenjenza leċita u differenti minn dik pretiża mill-Prosekuzzjoni.

97. **Ikun għalhekk li dan ir-raba' aggravju qiegħed jiġi miċħud.**

**Kunsiderazzjonijiet marbuta mal-piena.**

98. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though

they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."

Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

99. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

100. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment

komposta fis-**sentenza Ir- Repubbblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

101. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

102. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' sena priġunerija effettiva u għall-ħlas ta' tminn mitt euro multa (€800) u għall-ħlas ta' penali ta' ħamsin euro (€50) kienet piena li tirrientra fil-parametri li tipprefiġġi u lanqas ma hi nġusta jew manifestament sproporzjonata. Ikun għalhekk li din il-Qorti ma tqisx li għandha għalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan ir-rigward.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**